

Brussell, 17 ta' Ġunju 2026
(OR. en)

9260/1/26
REV 1
PV CONS 27
EDUC 164
JEUN 76
CULT 72
AUDIO 71
SPORT 32
PARLNAT

ABBOZZ TA' MINUTI
KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA
(Edukazzjoni, Żgħażaġħ, Kultura u Sport)
11 u 12 ta' Mejju 2026

LAQGĦA TAT-TNEJN, 11 TA' MEJJU 2026

1. Adozzjoni tal-aġenda

Il-Kunsill adotta l-aġenda li tinsab fid-dokument 8719/26.


2. Approvazzjoni tal-punti "A"

a) **Lista mhux leġiżlattiva** 8870/26

Il-Kunsill adotta l-punti "A" kollha elenkati fid-dokument imsemmi hawn fuq, inkluż id-dokumenti lingwistiċi COR u REV kollha ppreżentati għall-adozzjoni.


b) **Lista leġiżlattiva** (Deliberazzjoni pubblika f'konformità mal-Artikolu 16(8) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea) 8871/26

Impjiegi u Politika Soċjali

1. **Regolament li jemenda r-Regolament (UE) 2021/691 fir-rigward tal-appoġġ għall-ħaddiema affettwati minn sensji imminenti f'intrapriżi li għaddejjin minn ristrutturar**  8480/26
Adozzjoni tal-att leġiżlattiv
Approvat mill-Coreper, Parti 1, fis-6.5.2026
PE-CONS 15/26
SOC

Il-Kunsill approva l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew fl-ewwel qari u l-att propost ġie adottat skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (bażi legali: l-Artikolu 175, it-tielet paragrafu, TFUE), bl-Iżvezja tivvota kontra u l-Awstrija u l-Polonja jastjenu.


Affarijiet Ġenerali

2. **Regolament dwar l-estensjoni tal-protezzjoni tad-data għal ċerti sustanzi attivi bijoċidali eżistenti (Omnibus X: Ikel u għalf)**  8597/26
Adozzjoni tal-att leġiżlattiv
Approvat mill-Coreper, Parti 2, fis-6.5.2026
PE-CONS 20/26
SIMPL

Il-Kunsill approva l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew fl-ewwel qari u l-att propost ġie adottat skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (bażi legali: l-Artikolu 114 TFUE).

ŻGĦAŻAGĦ


Attivitajiet mhux leġiżlattivi

3. **Riżoluzzjoni dwar ir-reviżjoni tal-Pjan ta' Ħidma tal-Istrateġija tal-UE għaż-Żgħażagħ 2025-2027**  8308/26
Approvazzjoni + 8308/26 REV 1
(de, et, lv, nl)

Il-Kunsill approva r-riżoluzzjoni kif tinsab fid-dokument ta' hawn fuq u qabel li tiġi ppubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali.

4. **Riżoluzzjoni dwar l-eżiti tal-11-il ċiklu tad-Djalogu tal-UE maż-Żgħażagħ**  8310/26
Approvazzjoni + 8310/26 REV 1
(de, et, fi, lv, nl)

Il-Kunsill approva r-riżoluzzjoni kif tinsab fid-dokument ta' hawn fuq u qabel li tiġi ppubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali.

5. **L-iżgurar li l-politiki tal-UE u dawk nazzjonali jkunu favorevoli għaż-żgħażagħ**  8292/26
Skambju ta' fehmiet

Il-Kunsill kellu skambju ta' fehmiet abbażi ta' nota ta' gwida kif tinsab fid-dokument ta' hawn fuq.

EDUKAZZJONI


Deliberazzjonijiet leġiżlattivi

(Deliberazzjoni pubblika f'konformità mal-Artikolu 16(8) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea)

6. **Regolament dwar Erasmus+**   8265/26
Approċċ ġenerali parzjali

Il-Kunsill laħaq approċċ ġenerali parzjali dwar ir-Regolament dwar Erasmus+.

Attivitajiet mhux leġiżlattivi

7. **Konklużjonijiet dwar l-għalliema fl-era tal-intelliġenza artifiċjali (IA)**  8262/26
Approvazzjoni

Il-Kunsill approva l-konklużjonijiet kif jinsabu fid-dokument ta' hawn fuq u qabel li jiġu ppubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali.

8. **Ħiliet bażiċi u ż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni: nibnu pontijiet għall-futur** 8263/26
Skambju ta' fehmiet

Il-Kunsill kellu skambju ta' fehmiet abbażi ta' nota ta' gwida kif tinsab fid-dokument ta' hawn fuq.

Affarijiet oħra

9. Żgħażaġħ

- a) **Eżiti tad-diskussjoni fil-laqgħa informali waqt il-kolazzjon tad-Djalogu tal-UE maż-Żgħażaġh¹** 8263/26
Informazzjoni mill-Presidenza

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Presidenza u ż-żewġ mistednin esterni dwar l-eżiti tal-kolazzjon informali taż-żgħażaġh.

- b) **Strateġija dwar l-Ekwità Interġenerazzjonali** 7112/26
Informazzjoni mill-Kummissjoni

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Kummissjoni.

- c) **Pjan ta' Azzjoni kontra l-bullying ċibernetiku** 6361/26
Informazzjoni mill-Kummissjoni

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Kummissjoni.

- d) **Programm ta' ħidma tal-Presidenza li jmiss**
Informazzjoni mill-Irlanda


Edukazzjoni

- e) **Ninnavigaw l-era tal-IA: Kif il-proġett BrAI n qed jaġġorna l-edukazzjoni Kroata** 8626/26
Informazzjoni mill-Kroazja

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Kroazja.

¹ Fil-preżenza ta' rappreżentant tal-Kunsill Ċiprijott taż-Żgħażaġħ u rappreżentant tal-Forum Ewropew taż-Żgħażaġħ.

- f) **Azzjoni koordinata għas-sikurezza online tat-tfal**
Informazzjoni mis-Slovakkja

 8559/1/26 REV1

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mis-Slovakkja, appoġġata mill-Awstrija, il-Belġju, iċ-Ċekja, Franza, il-Ġermanja, il-Greċja, l-Italja, il-Kroazja, il-Latvja, il-Lussemburgu, il-Portugall, is-Slovenja u Spanja.

- g) Programm ta' ħidma tal-Presidenza li jmiss
Informazzjoni mill-Irlanda



LAQGĦA TAT-TLIETA, 12 TA' MEJJU 2026

KULTURA, AWDJOVIŻIV U MEDIA

Deliberazzjonijiet leġiżlattivi

(Deliberazzjoni pubblika f'konformità mal-Artikolu 16(8) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea)

10. **Regolament dwar AgoraEU**
Approċċ ġenerali parzjali


  8313/26
+ COR 1 (bg)
+ COR 2 (fr)
+ ADD 1

Il-Kunsill laħaq approċċ ġenerali parzjali dwar ir-Regolament dwar AgoraEU.

Il-Bulgarija ppreżentat dikjarazzjoni, kif tinsab fl-Anness, **u ddikjarat li ma setgħetx tappoġġa l-ilħuq tal-approċċ ġenerali parzjali dwar ir-Regolament.**

Attivitajiet mhux leġiżlattivi

11. **Pjan ta' ħidma tal-UE għall-kultura 2027-2030**
Skambju ta' fehmiet

 8311/26

Il-Kunsill kellu skambju ta' fehmiet abbażi ta' nota ta' gwida kif tinsab fid-dokument ta' hawn fuq.

SPORT

Attivitajiet mhux leġiżlattivi

12. **Konklużjonijiet dwar it-turiżmu sportiv bħala kontributur għall-iżvilupp sostenibbli** ☐ 8255/26
+ 8255/1/26
REV 1 (es, fr,
hu, lv, pl, sl, sv)
+ 8255/2/26
REV 2 (lv)
Approvazzjoni

Il-Kunsill approva l-konklużjonijiet kif jinsabu fid-dokument ta' hawn fuq u qabel li jiġu ppubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali.

13. **Is-saħħa mentali fl-isport: minn reżiljenza individwali għar-responsabbiltà tas-sistema²³** ☐ 7935/26
Skambju ta' fehmiet

Il-Kunsill kellu skambju ta' fehmiet abbażi ta' nota ta' gwida kif tinsab fid-dokument ta' hawn fuq.

Affarijiet oħra


14. Kultura, awdjoviżiv u media

- a) **Insaħħu x-xenarju tal-media Ewropea indipendenti u pluralistika – nagħmlu r-regoli tal-AVMSD validi għall-futur** ☐ 8621/26
Informazzjoni mill-Awstrija, l-Estonja, il-Finlandja, Franza, il-Ġermanja, l-Italja, il-Kroazja, il-Latvja, in-Netherlands, il-Polonja u Spanja

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Awstrija, l-Estonja, il-Finlandja, Franza, il-Ġermanja, l-Italja, il-Kroazja, il-Latvja, in-Netherlands, il-Polonja u Spanja.

² Fil-preżenza ta' eks ġinnasta artistika u membru attwali tal-Kumitat Olimpiku Internazzjonali.

³ Fil-preżenza ta' għalliem tal-edukazzjoni fiżika u coach tal-futbol professjonali.

- b) **Dwar il-ħtieġa li l-qafas legali tal-UE dwar id-drittijiet tal-awtur jiġi vvalutat biex jiġi kkunsidrat l-iżvilupp tal-IA**  8565/26
Informazzjoni mill-Awstrija, l-Estonja, il-Ġermanja, il-Greċja, il-Portugall, is-Slovakkja, is-Slovenja u Spanja

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Awstrija, l-Estonja, il-Ġermanja, il-Greċja, il-Portugall, is-Slovakkja, is-Slovenja u Spanja.

- c) **Konferenza Internazzjonali għar-Rikostruzzjoni tal-Ukrajna (URC) (25-26 ta' Ġunju fi Gdańsk, il-Polonja) - rikostruzzjoni tas-settur kulturali tal-Ukrajna**  8619/1/26 REV 1
Informazzjoni mill-Polonja

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Polonja.

- d) **Ir-ritorn tar-Russja għall-61 Wirja Internazzjonali tal-Arti ta' La Biennale di Venezia u l-iżgurar ta' approċċ komuni tal-UE** 8620/1/26 REV 1
Informazzjoni mill-Awstrija, il-Belġju, id-Danimarka, l-Estonja, il-Finlandja, il-Ġermanja, l-Iżvezja, il-Kroazja, il-Latvja, il-Litwanja, in-Netherlands, il-Polonja, il-Portugall u Spanja
- e) **Programm ta' ħidma tal-Presidenza li jmiss**
Informazzjoni mill-Irlanda

Sport

- f) **Korrimenti tal-moħħ fl-isport**  8540/26
Informazzjoni min-Netherlands

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta min-Netherlands.

- g) **Konklużjonijiet ta' Lipica**  8541/26
Informazzjoni mis-Slovenja

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mis-Slovenja.

- h) L-impatt fuq l-organizzazzjoni ta' avvenimenti sportivi fl-Ewropa jekk atleti mir-Russja u mill-Belarussja jithalaw jikkompetu internazzjonalment bis-simboli nazzjonali tagħhom** ☐ 8539/1/26 REV 1
Informazzjoni mill-Polonja

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Polonja, appoġġata mill-Estonja, il-Finlandja, Franza, il-Latvja, il-Litwanja, ir-Rumanija u l-Iżvezja.

- i) Il-parteciċipazzjoni ta' atleti Russi u Belarussi f'kompetizzjonijiet sportivi fl-Ewropa: kunsiderazzjonijiet ta' politika u ta' sigurtà** ☐ 8301/26
Informazzjoni mill-Kummissjoni

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Kummissjoni.

- j) Programm ta' ħidma tal-Presidenza li jmiss**
Informazzjoni mill-Irlanda

-
- ☐ Dibattitu pubbliku propost mill-Presidenza (Artikolu 8(2) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill)
- ❶ L-ewwel qari
- ☐ Punt ibbażat fuq proposta tal-Kummissjoni

Dikjarazzjonijiet għall-punti leġislattivi "B" li jinsabu fid-dokument 8719/26

Dwar il-punt "B" **Regolament dwar AgoraEU**
nru 10: *Approċċ ġenerali parzjali*

DIKJARAZZJONI MILL-BULGARIJA

"Ir-Repubblika tal-Bulgarija tappoġġa bis-sħiħ il-kontinwazzjoni tal-appoġġ għas-settur kulturali permezz ta' programm separat fil-QFP li jmiss u l-preservazzjoni tal-fergħat, l-oġettivi u l-azzjonijiet ewlenin tal-programm Ewropa Kreattiva ("Kultura" u "MEDIA") b'mod konġunt mal-Programm dwar iċ-Ċittadini, l-Ugwaljanza, id-Drittijiet u l-Valuri" fl-ambitu tas-suċċessur tiegħu – l-AgoraEU. Il-Programm għandu l-potenzjal li jipprovdi rispons għall-isfidi dejjem akbar li qed jiffaċċaw l-Unjoni u iċ-ċittadini tagħha u, fl-istess ħin, li jipprovdi l-appoġġ meħtieġ lis-setturi nfushom biex ikomplu jiffunzjonaw u jiżviluppaw fi żminijiet ta' bidla ġeopolitika u teknoloġika.

Nappoġġaw bil-qawwa l-oġettivi tal-programm li jissalvagwarda, jippreserva, jiżviluppa u jippromwovi d-diversità u l-wirt kulturali u lingwistiċi, biex tiżdied il-kompetittività tas-setturi kulturali u kreattivi, inkluż il-media u l-awdjoviżiv li jikkontribwixxu għal kundizzjonijiet aktar ekwi; li jissalvagwarda u jsaħħaħ il-libertà artistika u tal-media u li jipproteġi u jippromwovi l-ugwaljanza, iċ-ċittadinanza attiva, id-drittijiet u l-valuri kif minquxa fit-Trattati u fil-Karta.

Ir-Repubblika tal-Bulgarija tagħti importanza kbira u hija impenjata bis-sħiħ għall-promozzjoni u l-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali, li parti importanti minnhom hija l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel. Aħna, u ser nibqgħu, iddedikati għall-prinċipji u l-valuri tal-Unjoni Ewropea, kif minquxa fit-Trattati.

Pajjiżna jappoġġa bis-sħiħ l-isforzi tal-Unjoni biex tiġġieled kull forma ta' diskriminazzjoni, kif minqux fit-Trattati u fil-Karta, u huwa involut b'mod attiv fil-prevenzjoni u l-ġlieda kontra kwalunkwe forma ta' vjolenza kif ukoll fl-għoti ta' protezzjoni u appoġġ lill-vittmi tagħha.

Aħna nilqgħu l-oġettivi u l-azzjonijiet rilevanti tal-programm li għandhom l-għan li jiġġieldu l-forom kollha ta' diskriminazzjoni, li jippromwovu d-drittijiet fundamentali, l-ugwaljanza u d-drittijiet taċ-ċittadini tal-Unjoni kif minquxa fit-Trattati u fil-Karta, kif ukoll li jipprevjenu u jiġġieldu l-vjolenza u jappoġġaw lill-vittmi tagħha.

Sfortunatament, **ir-Repubblika tal-Bulgarija ma tistax tappoġġa l-adozzjoni tal-Approċċ Ġenerali Parzjali tar-Regolament**, peress li t-test attwali fih kunċetti, bħat-terminu "identità tal-ġeneru" li huma meqjusa inkompatibbli mal-prinċipji ewlenin tal-Kostituzzjoni Bulgara u l-fehim binarju tal-kunċett "sess" ("пол"). Fl-2018, il-Qorti Kostituzzjonali Bulgara adottat deċiżjoni li tiddikjara li l-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-Prevenzjoni u l-Ġlieda Kontra l-Vjolenza fuq in-Nisa u l-Vjolenza Domestika (il-"Konvenzjoni ta' Istanbul") tippromwovi kunċetti legali li għandhom l-għan li jiddifferenzjaw bejn "sess" bħala kategorija bijoloġika (nisa u rġiel) u "ġeneru" bħala kostrutt soċjali. Fl-2021, il-Qorti Kostituzzjonali adottat deċiżjoni oħra li tiċċara li l-kunċett ta' "sess" użat fil-Kostituzzjoni jista' jitqies biss fis-sens tad-determinazzjoni bijoloġika tiegħu. L-ordni kostituzzjonali u legali Bulgara tirrifjuta bil-qawwa l-kunċett ta' "ġeneru" bħala kostrutt soċjali fluwidu u ma tirrikonossix l-"identità tal-ġeneru" bħala kategorija legalment valida.

Matul in-negozjati, pajjiżna talab b'mod konsistenti u kostruttiv li t-terminoloġija tiġi allinjata ma' karatteristiċi rikonossuti universalment jew ifformulata b'mod li jirrispetta l-oqfsa kostituzzjonali differenti tal-Istati Membri kollha. Skont l-Artikolu 4(2) TUE, l-Unjoni hija obbligata tirrispetta l-ugwaljanza tal-Istati Membri quddiem it-Trattati kif ukoll l-identità nazzjonali tagħhom, inerenti fl-istrutturi fundamentali tagħhom, kemm politiċi kif ukoll kostituzzjonali.

Minħabba li t-test finali tal-Approċċ Ġenerali Parzjali jżomm kunċetti li jikkontradixxu b'mod espliċitu l-ġurisprudenza mandatorja tal-Qorti Kostituzzjonali Bulgara, il-Bulgarija hija kostituzzjonalment marbuta li topponih.

Ir-Repubblika tal-Bulgarija ttenni li n-nuqqas ta' appoġġ għall-Approċċ Ġenerali Parzjali mhuwiex rifjut tal-għanijiet usa' tar-Regolament li titrawwem soċjetà ħielsa mid-diskriminazzjoni, iżda difiża meħtieġa tal-identità kostituzzjonali nazzjonali tagħha.

Barra minn hekk, ir-Repubblika tal-Bulgarija tafferma li, jekk ir-Regolament jiġi adottat mill-Kunsill f'din il-forma, dan ma jobbligahix tirrikonossix jew tintegra fl-ordni legali nazzjonali tagħha kwalunkwe kunċett, inkluż l-"identità tal-ġeneru" li għandu l-għan li jiddistingwi bejn "sess" bħala kategorija bijoloġika (nisa u rġiel) u "ġeneru" bħala kostrutt soċjali u ser tinterpreta dawk użati fil-proposta għal Regolament bħala li jinkludu biss is-sess femminili u maskili fit-tifsira bijoloġika tagħhom."